MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 245/2013

Il-Pulizija

vs

**Lawrence Galea**

iben Michael, imwieled Attard, fit-18 ta' Gunju, 1975, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 334675(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotta kontra l-appellant Lawrence Galea quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-28 ta' Marzu 2012 ghall-habta ta' 11.30hrs gewwa l-Bini tal-Qorti, Triq id-Dejqa, Valletta:

Ingurja u/jew hedded lil martu Ann Marie Galea, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

Bl-imgieba tieghu kkaguna lill-persuna ta' martu Ann Marie Galea biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta’ Mejju, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 339(1)(e), 251B (1) u 383 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabitu hati tal-ewwel akkuza u kkundannatu xahar (1) detenzjoni. Ma sabitux hati tat-tieni akkuza u ghaldaqstant illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Lawrence Galea tat-23 ta’ Mejju, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tvarja u tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fl-ismijiet ‘Pulizija vs. Lawrence Galea’ deciza fit-13 ta’ Mejju 2013 per Magistrat Anthony J Vella billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti taghha fejn illiberat lill-appellant mit-tieni akkuza, thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza f’dik il-parti taghha fejn sabet lilll-appellant hati tal-ewwel akkuza u dan għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija u tillibera l-appellant minn tali akkużi miġjuba kontrih u minn kull piena jew alternativament tvarja s-sentenza f’dik il-parti li tikkoncerna l-piena.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

**L-Ewwel Aggravju**

Illi l-esponent instab hati tal-ewwel akkuza li hija li ngurja jew hedded lil martu Ann Marie Galea. Illi fl-umli opinjoni tal-appellant din l-akkuza hija preskritta peress illi hija kontravvenzjonali a tenur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali li jghid is-segwenti:

*(1) Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min -*

*(e) jaghmel lil haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmijin band’ohra f’dan il-Kodici, jew jekk ikun ipprovokat, jingurja b’mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni;*

Illi in oltre l-artikolu 688 subartikolu (f) tal-Kodici Kriminali jghid li:

*Bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi xort'ohra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni -*

*(e) bl-eghluq ta’ tliet xhur ghall-kontravvenzjonijiet, u ghall-ingurji bil-fomm suggetti ghall-pieni tal-kontravvenzjonijiet.*

Illi l-esponent gie nnotifikat wara li kienu ghaddew it-tlett xhur u ghalhekk a tenur l-artikolu suespost l-kontravvenzjoni odjerna hija preskritta.

**It-Tieni Aggravju**

Illi l-artikolu 339(2) tal-Kodici Kriminali jghid:

*Fil-kazijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)(d),(e),(l) u (o), ma tittiehed ebda procedura jekk mhux bil-kwerela tal-parti.*

Illi l-esponent instab hati li ingurja u/jew hedded lil Ann Marie Galea, jew jekk kien pprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni (Artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali).

Illi quddiem l-Ewwel Qorti gie pprezentat l-affidavit ta' PS 549 Reuben Pace fejn qal illi kien ircieva kwerela minghand Dr. Anna Mallia fuq l-akkuzi suesposti. Gie pprezentat ukoll ir-rapport fejn saret riferenza ghal-kwerela mibghuta minn Dr. Anna Mallia. Illi l-kwerela ma gietx pprezentata la mill-Pulizija Ezekuttiva u lanqas mill-parti lesa Ann Marie Galea.

Illi fl-umli opinjoni tal-esponent l-kwerela kellha tkun ipprezentata hekk kif l-artikolu 399(2) tal-Kodici Kriminali tghid espressament li proceduri f'dawn ic-cirkostanzi ghandhom jigu mittiehda permezz ta' kwerela liema kwerela ma hijiex parti mid-dokumenti ezebiti.

**It-Tielet Aggravju**

Illi mill-provi rrizulta li l-argument kien bejn omm il-parti leza u bejn l-appellant. Illi meta tela jixhed l-appellant huwa cahad b'mod kategorikament illi huwa gholla idu ghal xi raguni ohra ghajr illi meta Carmen Camilleri gholliet il-*handbag* huwa kellu jaghmel dan sabiex jilqa dan il-*handbag*.

Illi meta xehdet omm il-parti leza, Carmen Camilleri, meta giet mistoqsija jekk kienx hemm theddid fil-konfront ta' Ann Marie Galea hija qalet illi l-appellant kien qieghed jindirizza lilha u mhux lil bintha Ann Marie. Illi hija qalet ukoll illi huwa fl-ebda mument ma heddidhom, la lilha u lanqas lil bintha.

**Ir-Raba' Aggravju**

Illi dan l-aggravju tirrigwarda il-piena li imponiet l-Ewwel Qorti.

Illil-Ewwel Qorti mponiet piena karcerarja ta’ xahar fuq l-ewwel akkuza.

Illi fl-umli opinjoni tal-appellant din il-Qorti ghandha tikkonsidra fatti li certament jimmilitaw favur ta’piena mhux ta’prigunerija u cioe’ li hawnhekk si tratta ta’ persuna li ghandha fedina penali nadifa u huwa *first time* offender f’ghajnejn il-ligi.

Illi jekk fl-ghar ipotezi dina l-Qorti ssib htija fl-appellant certament se jirrizulta ukoll illi huwa gie ampjament ipprovokat minn omm il-parte civili cioe' Carmen Camilleri. Dan ma jfissirx illi l-attegjament tal-appellant huwa b’xi mod gustifikabbli izda huwa fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni biex dina l-Onorabbli Qorti ma timponix piena karcerarja effettiva.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi mill-verbal tas-seduta tal-11 ta' Gunju, 2014 jirrizulta li l-partijiet qablu li dan il-process meritu ta' dan l-appell huwa preskritt.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma ghandha xejn x'izzid.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tilqa' l-appell tal-appellant Lawrence Galea. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles minn kull htija u piena lill-isetess Lawrence Galea.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------